MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2014

Numru. 144/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Jesmond Borg**

**VS**

**Hilda Galea, mart Anthony, bint Giuseppe Degabriele u Dolores Vella, imwielda Tal Pieta' nhar it-23 ta' Lulju, 1935, residenti fil-fond numru 126, Cheri, Bluebel Street, Fgura, detentrici tal-karta tal-identita' numru 511035M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Hilda Galea** li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2002, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Approprjat ruhha billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna iehor, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadet flejjes li jammontaw ghal aktar minn GPB40,000 liema flejjes jappartjenu lil Maria Dolores Degabriele u persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn GBP40,000 ghad-dannu ta' Maria Dolores Degabriele u persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 (l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkuzata wiegbet illi ma kinitx hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghha;

Rat ukoll illi mibghuta l-Artikoli tal-Avukat Generali, hija tat il-kunsens taghha ghal proceduri sommarji;

Rat dawn l-Artikoli, li jaqraw:

- Fl-Artikoli 18, 293, 294 tal-Kodici Kriminali;
- Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza, u x-xhieda u d-dokumenti kollha Lilha ezebiti.

Ghalhekk semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Jesmond Borg** li nvestiga dan il-kaz, wara li rcieva nformazzjoni minn Carmel Degabriele (hu l-imputata), li ohtu Hilda Galea kienet hadet ammont sostanzjali ta' flejjes minn kont bankarju ta' ommu – Maria Dolores Degabriele; anke li din l-istess ohtu rrifjutat li taghti c-cwievet tad-dar ta' ommu u c-cwievet tad-deposit box tal-Bank of Valletta.

F'dan ir-rapport dan Carmel Degabriele anke qal illi kien ra lil ohtu l-akkuzata u lil zewgha jgorru basktijiet minn gor-residenza ta' ommu. Carmel Degabriele stqarr mieghu li ohtu

kienet hadet mill-kont ta’ ommu s-somma ta’ tnejn u erbghin elf tliet mija u erbgha u erghin lira Sterlina u tlieta u tletin centezmu (GBP42,344.33). Ghalhekk ezebixxa d-dokument JB1 li kien juri l-bilanc ta’ zero (0) tal-kont bankarju numru 17300348028 wara li minnu ngibdet is-somma hawn imsemmija.

Dan Degabriele qal ukoll illi din Hilda anke kkexxjat cheque tal-pensjoni ta’ ommha meta din gia’ kienet tnehhiet minn prokuratrici, dan ghas-somma ta’ mitejn u tminn liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm208.72), vide Dok JB2.

Ezebixxa wkoll id-dokument JB3 bhala ricevuta ta’ safety deposit box; bhala Dok JB3 ezebixxa l-power of attorney datata l-1 ta’ Awwissu, 1999 mahruga mill-Bank of Valletta li kienet tintitola lil Hilda Galea biex timmanigja l-fondi ta’ Maria Dolores Degariele. Id-dokument JB5 kien dokument tal-Maltapost li kien jintitola lil Hilda Galea tircievi f’isem ommha l-posta. Ezebixxa d-dokument JB6 – dokument tal-Malta Stock Exchange li kien jghid illi fid-data tat-30 ta’ Mejju, 2001 l-ishma ta’ Simmonds Farsons Cisk 8376, ordinary shares, gew trasferiti lil Hilda Galea. Qal illi minn dan id-dokument kien jidher illi dawn l-ishma marru ghand Hilda Galea b’titolu ta’ donazzjoni. Ezebixxa wkoll fotokopja ta’ skrittura ta’ tali trasferiment li saret minn Nutar Dr Joseph Debono, Dok JB 7, datata 4 ta’ Mejju, 2001.

Gie prezentat id-dokument Dok JB8 – korrispondenza mill-Lombard Bank fl-Ingilterra dwar fixed deposit account bin-

numru 1007687 li kien fih tnax-il elf erba' mija u tletin lira Sterlina u sebgha u disghin centezmu(£12,430.97). Dan kien isejjah lis-Sinjura Degabriele.

Id-dokument JB9 kienet dikjarazzjoni ta' Dr Peter Muscat fil-kapacita' tieghu ta' psikjatra, li kien jghid illi Maria Dolores Degabriele kienet mentally fit. Dan kien datat 16 ta' Jannar, 2002.

Ezebixxa wkoll l-istqarrija ta' Hilda Galea bhala Dok HG.

Prezenta wkoll il-*withdrawals* minn Hilda Galea ghas-somma msemmija bhala Dok JB12; mentri d-deposit slip fil-kont il-gdid bhala Dok JB11 – dan fil-konfront ta' kont tal-omm.

Dok JB13 kien ukoll withdrawal iehor.

Gie ezebit ukoll bhala Dok JB14 il-kont bankarju li kien jghajjat lil Hilda Galea li fih sar deposit ta' tnejn u erbghin elf hames mija u sebghin lira Sterlina u sitta u erbghin centezmu (£42,570.46) fl-20 ta' Frar, 2001.

Ezebixxa bhala Dok 15, slip tal-Bank of Valletta ta' deposit ta' ghaxart elef f'isem Hilda Galea.

Dok JB16 kien ktieb bankarju; Dok JB17 kien investiment ta' ghaxart elef (10,000) fil-Bank of Valletta, Middle Sea Insurance, ta' Hilda Galea; Dok JB18 polza ohra mill-HSBC Life Assurance; id-dokument JB19 kienet ricevuta mahruga mill-pulizija lil Hilda Galea.

Zied illi ghalkemm kien ircieva anke lanjanza fuq '*bearer accounts*', qatt ma rcieva ebda prova ta' dan.

Ezebixxa wkoll bhala Dok JB20 ktieb bankarju tal-Bank of Valletta, fixed account li kien fih is-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000.00); u Dok JB21 deposit slip li ghamlet Hilda Galea dwar dan; kif ukoll ktieb antik ta' kont bankarju ta' Maria Dolores Degabriele bhala Dok JB22.

L-Ispettur anke ried jezebixxi l-istqarrija ta' Maria Dolores Degabriele li l-Qorti m'accettatx in kwantu din la kienet l-akkuzata u kienet ghadha hajja.

Xehed ukoll **Dr Joseph Debono, Nutar** illi qal illi kien jaf lill-akkuzata. Qal illi hu kien ghamel prokura lil Hilda Galea mill-mama taghha a favurha bhala bintha.

Ikkonferma anke t-trasferiment tal-ishma bhala Dok JB6 a favur l-istess Hilda Galea. Qal illi d-dokumenti kienu kollha ffirmati minnu quddiem il-mama taghha, hu kien prezenti. Ikkonferma li kien mar go dar residenzjali x'imkien l-Imsida. Zied illi l-omm kienet "*mohhha frisk hafna*" (folio 71); kienet taf x'kienet qed taghmel u kienet lucida hafna. Qal illi waqt li kienu qed isiru d-dokumenti kienu hu u l-mama biss. Qal illi jista' jkun pero li barra kien hemm Hilda u x'aktarx ir-ragel taghha. Ikkonferma wkoll id-dokument JB7 datat 4 ta' Mejju,

illi kien jikkonferma t-trasferiment tal-ishma. Gharaf il-firma tieghu u l-kitba tieghu.

Ftakar anke li kien kellem lix-xiha anke dwar it-trasferiment tal-flus ta' barra, illi hu minn jeddu ftakar illi kienu fil-Lombard. Ghalhekk dwar id-dokument JB7 qal illi Mrs Maria Degabriele tat il-kunsens taghha quddiemu sabiex l-stocks (ishma) li kellha fuq isimha fl-MSC account 554316 jigu trasferiti b'titolu ta' donazzjoni lil bintha ta' servigi rezi, ghalkemm din ma kinitx miktuba. Qal illi x-xiha kienet qed tifhem illi riedet taghmel din id-donazzjoni; qal ukoll illi l-omm kienet taf xi tfisser donazzjoni rrevokabbli. Dwar id-dokument JB7 kien cert li ffirmatu l-omm. Ma kinx cert meta din giet iffirmata minn Hilda Galea.

Mistoqsi dwra l-interessi tax-shares, irrisponda li t-trasferiment tax-shares kien jinkludi l-interessi taghhom.

Insista li ghal din hu biss kien prezenti – dan qal ghax hu nduna li kien hemm, kif iddeskriva hu, xi cekcika bejn l-ahwa. Fil-fatt zied illi kien ghalhekk li hu kiteb id-donazzjoni rrevokabbli, pero nsista li b'dan, wara li hu spjega lix-xiha, li ma seghetx tmur lura minn kliemha. Qal illi kien hass illi kien hemm l-inkwiet bejn l-ahwa. Ftakar dwar dan anke li kien ra xi ittra ufficjali minn Dr Scott. Qal illi kien normali ghan-nutara li jzidu l-kelma rrevokabbli, spjega biex jevitaw l-inkwiet. Baqa' nsistenti li hu lix-xiha spjegalha kollox mija fil-mija.

Ikkonferma wkoll il-firma tieghu fuq l-iskrittura datata 4 ta' Mejju, 2001, fejn gie nfurmat l-Stock Exchange dwar it-trasferiment. Ma kinx cert pero meta kiteb l-accettazzjoni ta' Hilda Galea, ghalkemm baqa' katergoriku li x-xiha waqt id-donazzjoni kienet mieghu wahidha. Ghalhekk fil-fatt insista li mal-accettazzjoni ta' Hilda Galea nizzel id-data.

Mistoqsi minghand min kien jithallas ghas-servizzi tieghu ma kinx cert jekk hux minghand l-anzjana Degabriele jew minghand Hilda Galea. Qal illi ghalih it-tnejn kienu l-klijenti tieghu.

Insista li l-anzjana kienet lucidissima. Qal illi b'dan induna mill-alertness taghha, u li ma kienet qed taghmel xejn sfurzat.

Dwar il-prokura DokJB20, anke fuq din gharaf il-firma tal-anzjana, l-akkuzata, u tieghu. Zied illi anke fil-kaz tal-prokura, din giet spjegata lill-anzjana u din ma kellha ebda oggezzjoni li din issir.

Ingab jixhed ukoll **Dr David Cassar**, psikjatra, dan in esekuzzjoni ta' inkarigu lilu moghti, ezebit bhala Dok DC. Ikkonkluda dan f'din ir-relazzjoni hekk:

"*Maria Dolores hi mara li hi mentalment lucida. Ma tbaghtix minn dizordni akuti jew kronici organic tal-mohh li jimpedixxu l-kapacita' tal-fakultajiet konjittivi taghha b'mod qawwi. Pero hemm ftit evidenza tal-eta' taghha fl-orjentament taghha ghax-xahar.*

*Ma dan kollu, hemm evidenza ta' kundizzjoni ta' stat ta' paranojja kronika. Wiehed ma jistax f'dan l-istadju jkun cert li parti minn dan l-istat mhuwix effett ta' esperjenzi u avvenimenti li esperjenzat f'dawn l-ahhar snin."*

Dan invista lill-anzjana fit-18 ta' Ottubru, 2004.

Dan l-ezami sar minn Dr David Cassar fuq Degabriele nhar it-18 ta' Ottubru, 2004.

Zied dwar fotokopja ezebita fl-atti li stabbiliet suppost li Degabriele l-anzjana kienet effettiva bil-mod li gej:

"*Her memory was greusely intact but had periods of agitation, was feeling depressed and wishing to die, and periods of confusion, possibly due to age and medical condition. ….This situation may be transient at present she is having such state of confusion, rendering her, at least at certain times, not to have mental faculties.*" Fuq hekk it-tobba psikjatrici ssuggerew illi jigi mahtur kuratur.

Spjega Dr Cassar illi nonostante l-konkluzjoni tieghu, meta persuna tkun ghamlet zmien l-Isptar u jkollha certu eta', tista' tghaddi minn stat ta' konfuzjoni, di piu' jekk tbati minn heart failure jew diabite.

**Dr Ruth Scott** minn naha taghha xehdet, murija d-dokument JB4 – prokura tal-Bank of Valletta, fejn Maria Dolores Degabriele kienet tat poter lil Hilda Galea biex timmaniggja l-beni taghha, li kienet qed taghraf anke l-kitba taghha, hlief ghad-data tal-1 ta' Awwissu, 1999. Fehmet, skont l-anzjana, illi din kienet prokura li kienet tintuza gol-bank, li kienet giet iffirmata quddiemha. Ftakret illi dakinhar li saret il-prokura kien hemm prezenti Hilda Galea, u forsi anke zewgha. Ftakret illi kienet marret il-Marina Palace Home. Qalet pero, illi kienet, waqt li saret il-prokura, talbet lil kulhadd johrog barra mill-kamra. Ziedet li spjegatilha x'kienet qed tiffirma u anke dehret li fehmet. Anzi ziedet Dr Scott illi qabel ma ghamlet il-prokura, kellmet ftit lis-Sinjura, skondtha din bdiet tikkomunika normali.

Qalet illi ghaliha Degabriele kienet koerenti, tant illi kieku tghid li ma kinitx ser thallieha tiffirma.

Xehdu diversi mpjegati tal-bank.

Beda **Norman Spagnol**, dan bhala manager tal-Personal Banking, kien il-Bank of Valletta tar-Rahal Gdid. Xehed illi Maria Dolores Degbriele kellha kont savings f'denominazzjoni ta' Sterlina, ta n-numru tal-kont u semma' l-bilanc ta' tnejn u erbghin elf hames mija u sebghin (42,570) fi Sterlina. Qal mill-statement illi l-flus gew depozitati l-ewwel darba fil-31 ta' Dicembru, 2000 u ngibdu fl-20 ta' Dicembru, 2001. Ingibdu minn Hilda Galea, nonostante li dan il-kont kien isejjah lil

Degabriele, pero Galea kellha prokura. Gharaf id-dokument JB1 kif ukoll il-power of attorney tat-13 ta' April, 2000.

Qal illi l-prokura kienet taghti l-poteri bankarji kollha, jigifieri li wiehed jista' jigbed flus mill-kontijiet, jiftah safe deposit lockers.

Ikkonferma li l-flus fi Sterlina msemmija kienu ngibdu.

Ikkonferma wkoll prokura ohra li saret mill-Bank of Valletta Dok JB4, datata l-1 ta' Awwissu, 1999 – dik li saret fil-presenza ta' Dr Ruth Scott.

Ikkonferma li l-bank maghha – mal-anzjana, gieli kienet tmur Hilda Galea.

Mistoqsi ghala l-bank kellu zewg prokuri tal-istess natura f'daqqa u fl-istess hin, ma kinx jaf iwiegeb.

Dwar it-transazzjoni ta' flus li ghaddew minn fuq il-kont tal-anzjana ghal dak tal-imputata, qal li tali transazzjoni saret mill-iskrivana Isabelle Cutajar. Qal illi jekk xi hadd tah struzzjonijiet kienu ghaddew hames(5) snin u kien nesa. Qal illi l-ammont ta' tnejn u erbghin elf (42,000) biex jingibed kien jinhtieg l-approvazzjoni tas-supervisor jew bank manager.

In kontro ezami zied jghid illi l-ftit li ftakar, anzi qal li kieku l-prokura in kwistjoni ma kellha ebda limiti. Zied illi kienet procedura normali li fejn si tratta ta' ammonti kbar, il-bank kien jiehu u jaghmel certu accertazzjonijiet. Ma kinx pero,

minhabba t-trapass ta’ zmien, jiftakar x’accertamenti saru f’dan il-kaz in ezami.

Ikkonferma li fir-rigward tas-safe deposit box fi hdan il-bank, minhabba l-eta’ tal-anzjana u l-istat fiziku taghha, kif ukoll ghax biex taccedi ghal dan trid tinzel kuritur, kienet fil-fatt taccedi ghaliha Hilda Galea mhux l-anzjana.

Ma ftakarx illi l-anzjana Degabriele kienet hadet parir minghandu dwar dan it-trasferiment ta’ flus. Lanqas ftakar li l-anzjana kienet marret maz-zewg itfal l-ohra taghha tallega li kienu qed johdulha l-flus.

Ikkonferma li z-zewg prokuri in kwistjoni kienu saru fuq formolarju tal-Bank of Valletta minn Maria Dolores Degabriele a favur Hilda Galea; ukoll illi dawn kienu prokuri li setghu jintuzaw kif kien hemm bzonn.

Qabel ukoll illi f’kaz ta’ prokura ta’ dan it-tip, il-persuna li ghandha l-prokura fuqha tista’ bla kontrofirma taghmel kwalunkwe trasferiment. Ma kinx pero eskluda li l-omm waqt tali trasferiment kienet prezenti.

**<u>Paul Gambin</u>** minn naha tieghu, ukoll bhala mpjegat tal-bank, Senior Manager tal-Bank of Valletta, Legal Office, gie mitlub biex jixhed fuq il-kont numru 17300348028. Ezebixxa wkoll kopja tal-statement dwar dan il-kont li kien f’isem Dolores

Degabriele li kien f'foreign currency, dik ta' Sterlina. Zied illi l-ahhar bilanc ta' Frar 2001 kien ta' tnejn u erbghin elf hames mija u sebghin Sterlina u sitta u erbghin centezmu (42,570.46), liema ammont kien ingibed minn Hilda Galea, u gie trasferit fil-kont ta' Hilda Galea numru 40010390210. Ezebixxa wkoll barra l-statement Dok A, il-vouchers relattivi, Dok B.

Dwar il-prokura datata 13 ta' April, 2000, moghtija minn Dolores Degabriele a favur Hilda Galea, ikkonferma li saret minn Dr Joseph Debono, Nutar, Dok C, il-fotokopja taghha ezebita.

Zied illi kellu nformazzjoni li din il-prokura kienet giet kancellata bi prokuri ohra, issa mahruga a favur Carmelo Degabriele.

Qal illi bil-prokura tal-bank li kellha a favur taghha Hilda Galea, din kienet awtorizzata tigbed any sum, deposits, interests, documents, u anke jkollha access ghas-safety deposit box.

In kontro ezami qal illi l-prokura kienet valida biss ghall-bank, cioe' ghall-uzu gol-bank.

Ikkonferma li din il-prokura kienet giet kancellata. Ma kinx jaf jirrispondi jekk il-persuna li tkun telfet a favur taghha l-prokura tkunx fil-fatt giet infurmata b'dan. Qal illi l-prokura kienet tinhareg mill-fergha fejn ikun hemm il-kont, mhux mill-Legal Office.

**<u>Godfrey Axiaq</u>** minn naha tieghu xehed illi hu kien manager il-Bank of Valletta, pero li kien ilu nieqes minn hemm mis-sena 2009. Xehed dwar prokura nterna li kienet giet superceded b'wahda generali u specjali, u anke dwar ittra bl-avukat li kienet tghid hekk ukoll. Dawn id-dokumenti jghid illi rahom hu stess, waslu b'envelope issigillat. Xehed illi kien il-kwerelant li fil-fatt mar bil-prokura.

Ikkonferma, wara li ra l-prokura a folio 199, illi kienet il-kitba tieghu fuqha fejn kien hemm imnizzel "*revoked by a general power of attorney*" (folio 199).

Xehed ukoll **<u>PS 1257 Conrad Ellul</u>**, dan dwar ir-rapport li rcieva minghand Carmel Degabriele dwar ohtu Hilda Galea li kienet prokuratrici ta' ommu, liema anzjana kienet residenti gewwa Msida Palace Hotel. Qallu li darba, waqt li kien qadja gewwa Rahal Gdid fejn kienet fil-fatt tirrisjedi ommu, kien ra lil ohtu u zewgha hergin mid-dar ta' ommu b'xi affarijiet. Qallu li kien ghamel ukoll ricerka u kien irrizultalu li l-account li kellha ommu mal-Bank of Valletta kellu bilanc ta' zero (0) meta fil-kont qabel kien hemm il-flus.

Ghalhekk minn naha tieghu **Carmel Degabriele** xehed u kkonferma li kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa tar-Rahal Gdid dwar il-fatt illi ra lil ohtu u zewgha Anthony Galea, hergin mid-dar ta' ommhom b'erba' (4) basktijiet u jpogguhom gol-karozza. Rah anke hiereg b'kaxxa daqs television. Qal filghaxija mar jistaqsi lil ommu fuq dan, qaltlu li kellhom biss igibulha libsa u bdiet tibki. Qal illi hu fil-konfront ta' ommu dak iz-zmien ma kien jiehu hsieb xejn, pero xorta maghha kellu relazzjonijiet tajbin. Zied illi wara dan l-incident ommu ghamlitu prokuratur - f'Novembru tas-sena 2001. Ezebixxa l-prokura bhala Dok CD. Kien minn hawn, u dan anke b'ghajnuna tal-bank manager ta' Rahal Gdid Godfrey Axiaq, u ghax qal illi ried ihallas l-istess home ta' ommu, illi hu skopra illi t-tlieta u erbghin elf (43,000) li kienu fuq ommu gew trasferiti fuq ohtu Hilda Galea. Ta' dan ezebixxa Dok CD1.

Ghamel anke kuntatt mal-APS fejn kien hemm zewg kotba ta' bearer accounts, pero ma jafx min hadhom. Zied illi wara erba' (4) xhur li ohtu kienet tnehhiet minn prokuratrici, u allura kien prokuratur hu, skopru li ohtu kienet hadet il-flus tal-Lombard u trasferiethom fuq isimha – ta' dan ezebixxa Dok CD2. Qal ukoll illi kien hemm ishma ta' Farsons illi ohtu Hilda hadet fuq isimha u bieghhithom. Qal illi dwar it-tlieta u erbghin elf (43,000) Sterlina, li ommu qaltlu li t-trasferiment fuq ohtu ma kinx sar bil-kunsens taghha. Qal illi fil-fatt ir-rapport lill-pulizija kien ghamlu bil-kunsens ta' ommu. Zied ukoll illi pprova anke jkellem lil ohtu billi jcemplilha, pero

skondtu din qaltlu li ma kinx affari tieghu u sabbtitlu t-telephone. Qal ukoll illi Hilda kienet taf illi ma kinitx ghadha prokuratrici ta' ommha ghax kienu baghtulha ittra bl-avukat dwar hekk. Xehed illi anke qallha hu verbalment. Ezebixxa hawn Dok CD3. Qal illi Hilda lanqas ic-cwievet tal-proprjeta' ta' ommu ma riedet taghtiehom, tant illi kellhom jisgassaw.

Irrisponda li hu ma kinx jaf x'tip ta' prokura kellha ohtu. Zied illi lilu ommu ghamlitlu prokura generali. Qal illi ommu kienet issa mietet. Qal illi wara li Hilda tnehhiet minn prokuratrici, kienet iggieldet minn ma' ommha. Qal illi dan gara skont ommu ghax talbitha l-affarijiet kollha lura. Jaghmel ir-ricerki mieghu qal illi kien hemm huh Ernest.

In kontro ezami xehed u wiegeb illi hu lil ommu kien izurha kemm damet il-home ma' huh il-kbir Ernest. Qabel illi f'xi zmien wara li dahlet il-home, ommu kienet giet inabilitata. Innega li hu ma kinx imur jara lil ommu. Qal illi ma kinx ikellimha ghal perjodu zghir biss ta' tlitt(3) xhur. Qal illi d-disgwid bejniethom kien ghax xi hadd kien qed jghidilha, ixewwixha, illi hu kien qieghed imur biex jinkwetaha. Kien anke mizmum milli jidhol hdejha. Cahad illi kien hemm incident ma' ommu ghax hu kien fethilha l-kaxxa forti u hadilha tliet elef lira Maltin (Lm3,000.00). Innega li hu kien hadilha l-kotba tal-bank. Innega li hu u huh Ernest meta kienu jmorru jaraw lil ommhom il-home kienu jilletikaw maghha fuq il-flus. Qal illi wara li kien irrakkonta lil ommu l-incident fejn ra lil ohtu hierga bil-basktijiet mid-dar, kienet hi li riedet

tivverifika fuq it-tlieta u erbghin elf (43,000) Sterlina. Qabel pero li dak iz-zmien kienet ohtu li kienet tiehu hsieb lil ommhom. Qal illi l-prokura favur ohtu twaqqfet fuq struzzjonijiet ta’ ommu. Qabel illi hu qatt ma sema’ lil ohtu xxewwex lil ommu. Innega li l-omm kienet tghid li riedet thalli kollox lil Hilda ghax hi biss kienet tiehu hsiebha. Qal illi kien huh il-kbir illi pproponieh bhala prokuratur. Qal ukoll illi l-omm nehhiet lill-bint minn prokuratrici ghax kienu naqsu l-flus mill-bank. Zied ukoll jghid illi c-cavetta tal-kaxxa forti kienet tinzamm biss minn ommu. Ghalih ommu l-flus kienet izzommhom il-bank mhux fis-safe.

**<u>Ernest Degabriele</u>**, hu Carmelo u l-imputata, ukoll iddepona dwar ir-rapport illi hu kien ghamel fl-Ghasa tal-Pulizija skondtu fuq “*misappropriation*” (folio 248). Skondtu, kif qaltlu ommu, din ohtu gibdet flus bla ma kienet hekk awtorizzata. Qal illi ghamel ghamel rapport bil-permess ta’ ommu li issa kienet mejta; qal illi b’hekk ir-rapport ghamluh hu u huh Carmelo. Qal illi stante li naqsulhom il-flus biex tithallas il-home, gieghlu lill-home iccempel lil ohtu biex thallas mill-interessi li hadet. Tkellem fuq ammont ta’ Sterlini li gew trasferiti fuq ohtu waqt li din kellha l-prokura ta’ ommha. Qal illi mill-Bank of Valletta ta’ Rahal Gdid saru jafu li tnejn u erbghin elf (42,000) Sterlina gia’ fuq isem ommu kienu spiccaw ingibdu minn Hilda Galea. Minn verifika ohra mal-APS sabu bearer accounts f’ammont ta’ tmint elef lira

Maltin (Lm8,000.00) neqsin - dawn ingibdu nhar id-19 ta' Lulju, 1993 skondtu. Qal illi huh biex ihallas il-home kellu anke jbiegh xi affarijiet.

Gharaf id-dokument li kien juri li kienu ngibdu tnejn u erbghin elf (42,000) Sterlina u thalla bilanc ta' zero (0). Qal illi kif kien jidher mid-dokumentazzjoni dawn kienu ngibdu minn Hilda Galea.

Dwar is-safety deposit box, xehed kemm kienu thabtu ghax ohthom ma riditx taghtiehom ic-cavetta. Qal illi dan spicca nfetah meta l-bank ordna technician biex jisgassa s-safety deposit box. Qal illi dak li sabu fih kien gie registrat minnhom. Hawn kien qed jitkellem fuq is-safety deposit box li kien jinsab go Rahal Gdid.

Qal illi meta ngibdu l-flus – tnejn u erbghin elf (42,000) circa, kienet Hilda li kellha l-prokura.

Dwar is-safety deposit box, baqa' jghid illi Hilda ma riditx taghtiehom ic-cavetta. Xehed ukoll illi f'dak iz-zmien l-omm kienet ghadha hajja.

In kontro ezami kkonferma li kienu hu u huh Carmelo li kienu nfurmaw lil ommhom li kienu naqsulha l-flus mill-kont, u li kienet hadithom Hilda.

Qal illi hu ma kinx ikellem lil ommu ghax kienet ghamlet avviz illi ma riditx li jmorru jarawha l-home – dan fis-sena 2000, ghalhekk xehed illi damu xi ftit xhur ma jaraw lil ommhom.

Innega li tali avviz kien hareg ghax meta hu u huh kienu jmorru jarawha kienu jilletikaw maghha fuq il-flus. Qal illi xi hadd injot ghalih kien qallha li huma kienu joqoghdu jinkwetawha. Qal illi ommu mentalment kienet tajba. Qal ukoll illi huma ccekkjaw fuq il-flus wara li mietet ghax sabu deficit fil-pagamenti tal-home.

Ikkonferma li darba mar il-bank ma' ommu, fejn kienu gew infurmati li l-unika flus li kienu qed johorgu kienu l-flus biex tithallas il-home, pero nsista li xorta sabu mitejn lira Maltin (Lm200.00) deficit.

Ikkonferma li meta kien guvni kellu relazzjoni hazina ma' ommu. Ammetta pero li ma kinx imur jara lil ommu kuljum.

Ikkonferma li hu r-rapport kontra ohtu ghamlu talli sab illi l-flus gew trasferiti fuqha nonostante li hu ma kinx jaf ic-cirkostanzi ta' kif dawn il-flus gew trasferiti. Qal illi dwar il-flus tal-APS ma seta' jghid xejn ghax ma kinx jaf min hadhom. Qal illi hu ma kinx jaf li dawn il-flus gew trasferiti bil-permess tal-mama b'dokumenti li saru quddiem Nutar.

Ftakar anke f'incident fid-dar meta l-omm bdiet tghid illi naqsu l-flus mill-kaxxa forti.

Dwar ir-rapport tal-flus neqsin, gie mistoqsi l-omm kinitx taf – wiegeb fl-affermattiv, anzi zied illi l-omm kienet inkwetata hafna.

Kif gia' hawn fuq premess, il-Qorti gia' kienet semmiet illi fil-kors tax-xhieda tieghu l-Ispettur Jesmond Borg kien prezenta l-istqarrija tal-imputata, mehuda ovvjament dak iz-zmien minghajr id-dritt ta' assistenza legali, pero skont il-kawteli mposti mill-Ligi vigenti dak iz-zmien. Moghtija dawn id-debiti kawteli Hilda Galea tista' tghid illi rrispondiet b'mod ferm u ko-erenti, kif jidher mill-istess stqarrija. Taghmel hawn il-Qorti referenza ghal dak illi qalet il-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Omar Psaila*", datata 20 ta' Gunju, 2014, fejn intqal hekk:

*"Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l pożizzjoni legali f'pajjizna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-ligi fl istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal- Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:*

*"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad Drittijiet tal- Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:*

*“. . . the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.”*

*Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il pożizzjoni estrema.*

*Kif ġja’ kellha okkażjoni illi tosserva, din il-Qorti ttenni illi l-jedd ta’ għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalita li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta’ difiża lill-akkużat:*

*dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogate tkun ingħatat b’għażla ħielsa, b’għarfien tal-jedd li jibqa’ sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b’xi mod ieħor abbużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta’ avukat.*

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f’pożizzjoni ta’ vulnerabilita, djgħufija jew biża’ illi l-esperjenza ta’ interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta’ avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita’ ħati ma jkunx.”*

A bazi ta’ tali bran u ragunament, il-Qorti thoss illi ghalkemm Hilda Galea kellha fedina penali netta u kienet mara ta’ sitta u sittin (66) sena fi zmien tat-tehid tal-istqarrija, il-Qorti tqis l-istqarrija ta’ Hilda Galea bhala wahda ammissibbli.

Qalet illi dawn l-ahhar tmienja jew ghaxar snin kienet tiehu hsieb ommha, tara li ma jonqosha xejn. Qalet illi ommha kienet tafdaha bic-cekkijiet, issarrafhomlha u titfaghlha l-flus il-bank. Tkellmet ukoll dwar il-fatt illi kienet hi li rrangat biex ommha tidhol il-home, kontra l-volonta’ ta’ hutha ghax din il-home kienet bi hlas.
Qalet illi meta kienet il-home l-omm, ftit kienu l-visti ta’ hutha. Qalet illi kienet l-omm stess illi kienet talbet li wliedha ma jzuruhix ghax dejjem kienu jkellmuha fuq il-flus. Qalet illi l-istess manager tal-home kien anke taha parir li tibaghtilhom ittra bl-avukat dwar dan – kif fil-fatt ghamlet. Qalet illi ghalkemm hi kienet tiehu hsieb il-flus ta’ ommha, cioe’ ssarfilha c-cekkijiet, qatt ma hadet mill-flus taghha. Qalet illi kienet fuq parir tat-tobba, u wara li anke l-omm approvat, li l-anzjana spiccat hemm.

Qalet illi fil-bidu hutha kienu jmorru jaraw lil ommha, barra huhom Ernest. Qalet ukoll illi kienet l-omm illi talbet lil sid il-home – certu Sammut, biex uliedha jkunu mpeduti milli jzuruwha ghax kienu jkellmuha fuq flus u jbaqbquha. Kienet hawn li ntbaghtet lis-subien hutha l-ittra bl-avukat dwar hekk. Ziedet illi lil ommha baqghet izzurha hi biss, kienet tmur kuljum.

Qalet illi hi dejjem kienet prokuratrici tal-omm, anke qabel din ma dahlet il-home. Kellha prokura limitata ghal tisrif ta’ cekkijiet, u hlas ta’ kontijiet. Qalet illi l-kontijiet kienu hlas

tal-home u li kienet thallas dawl, ilma, pilloli, nappies, u affarijiet ohra, mic-cekkijiet tal-pensjoni u kienet issarfilha.

Qalet ukoll illi lejn is-sena 2000, f'April, meta hi kienet marret thallas il-posta ghal redirection of address, kienu qalulha li hi ma kinitx ghadha prokuratrici ta' ommha, imma kien sar certu Carmrel Degabriele – huha. Qalet ukoll illi Carmel u Ernest kienu ftit qabel zaru lil ommhom fil-home. Ghal din l-ahbar, l-omm skont l-imputata, kienet irrabjat u regghet qieghdet lil bintha prokuratrici taghha bi prokura li saret quddiem in-Nutar Joseph Debono.

Mistoqsija ghall-prokura l-omm kinitx prezenti, wiegbet illi wahda anke saret quddiem Dr Ruth Borg u l-ohra man-Nutar Joseph Debono, l-istess home.

Kompliet illi huha Carmel Degabriele rega' zar lil ommha, issa xi xahrejn qabel il-Milied, u l-omm regghet nehhietha minn prokuratrici taghha ghax kienet allegat illi zammet xi flus. L-imputata tghid illi fil-fatt rinfaccat lil ommha b'dan u skondtha qaltilha li dan kien xoghol huha Carmel. Ziedet illi l-omm ghamlet testment sigriet fejn skondtha hallitilha kollox.

Dwar il-flejjes barranin illi dawret fuq isimha, qalet illi hi ghamlet dan fuq struzzjonijiet ta' ommha. Qaltilha li la tmut hi xorta kienu ser jigu ghandha, allura riedet illi tahrab l-inkwiet wara mewtha. Ziedet illi kienet l-omm li tat struzzjonijiet lill-bank manager Norman Rossignaud tal-Bank of Valletta, Paola, biex dawn il-flejjes jinqalbu fuq l-imputata.

Dwar is-safety deposit box qalet illi fih kellha xi deheb. Innegat illi hemm kien hemm kotba ta' bearer accouonts. Kien hemm ukoll skondtha arloggi mkissrin.

Dwar l-ishma ta’ Farsons, qalet illi dawn inghataw lilha minn ommha bhala donazzjoni.

Bhala xhieda mitluba mid-Difiza, apparti ghall-kontro ezamijiet tal-impjegati tal-bank kif gia’ riprodott, xehdet ukoll certa **Isabelle Cutajar**. Qalet illi kienet tiftakar lill-mejta Degabriele u lil Hilda Galea ghax gia’ kienet telghet tixhed fuq dan il-mertu. Qalet pero illi ma kintix tiftakar id-dettalji. Qalet illi dwar il-prokuri, Mrs Degabriele kienet kapaci tiffirma, jekk bi prokura titnizzel nota. Qalet illi kienet tiftakar lil Mrs Degabriele tmur il-bank, tiftakar li kienu johorgu jghinuha. Ma kinitx certa jekk dakinhar tat-trasferiment kinx hemm l-anzjana. Qalet illi pero, l-anzjana qatt ma kienet tkun wahidha, kienet tbati anke biex timxi, dejjem kellha bzonn assistenza. Qalet illi gieli marret ma’ Mrs Galea jew inkella tifel iehor.

Maghlqa l-provi tal-partijiet, semghet anke t-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikoli li bihom giet addebitata Hilda Galea huma ta’ truffa u misapproprijazzjoni ndebita taht l-Artikoli 308, 309, 310, u 293 u 294 – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz r-reat kontinwat taht l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ir-reat ta’ truffa huwa dak ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jaqra:
*“Kull min, bmezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-*

*eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta’ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn sena sa seba’ snin.”*

Biex jissusti dan ir-reat jinhtieg illi Galea tkun ezercitat fuq ommha ngann u raggiri, anke ddawwarha kontra hutha, biex b’hekk hi tiehu minghandha s-somma tal-Isterlina in kontestazzjoni. L-uzu ta’ prokura generali ma jistax wahdu jwassal ghal dan, ghax il-prokura li giet moghtija lil Galea minn ommha, li rrizulta li giet spjegata lilha minn Nutar, kienet di natura taghha, irrispettivament minn dak illi xtaqet ommha, taghtieha l-poter illi tigbed il-flus.

Issa jinhtieg ghalhekk mill-provi, illi jirrizultaw dawn ir-raggiri, inganni, u qerq prospettati fl-Artikolu citat.

Ghal ahjar spjegazzjoni, il-Qorti ser taghmel referenza ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet “***Il-Pulizija vs George Manicolo***” deciza nhar il-31 ta’ Lulju, 1998, fejn intqal hekk:

*“Illi l-gurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta’ truffa, mhux bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita’ lil dik il-gidba. Dan*

*l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif hemm indikati fil-fuq kwotat artikolu 308 tal-Kap 9. Irid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga mesmmija mill-frodatur, liema haga, in realta', ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, izda dan il-kliem ghandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, cjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu nducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew*

*tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligh ghall-agent frodatur;*

*Kif gie stabbilit u riaffermat fil-Qrati taghna, ikun hati ta' truffa min jaghmel uzu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligh ghad-dannu ta' haddiehor'"*

Illi sar suggeriment minn Ernest u Carmelo Degabriele, illi l-omm ma riditx tarahom darba li kienet il-home ghax giet imxewxa. Jekk b'hekk riedu jfissru li dan sar xoghol ta' ohthom, tali fatt ma jirrizulta minn imkien. Lanqas fil-fatt ma ttella' l-manager tal-bank li suppost kellem lix-xiha biex tipprojbixxi lil uliedha subien milli jzuruha. Illi mill-ebda fatt prodott ma jirrizultaw l-elementi kif spjegati fis-sentenza hawn citata.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tillibera lil Hilda Galea mill-akkuzi taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta.

L-Artikolu l-iehor li bih giet akkuzata hija dak ta' misapproprijazzjoni ndebita taht l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."*

Ghalhekk biex jigi kostitwit dan ir-reat, il-persuna - l-agent, jinhtieg illi jkollu l-hsieb ta' '*animo lucrandi*', cioe' li taghmel qliegh, profitt, minn haga li haddiehor fdah biha bil-kundizzjoni tar-radd tal-haga, cioe' li terga' tinghata lura jew li jsir uzu minnha specifikat.

Hawn fil-konfront ta' Hilda Galea qed nitkellmu fuq il-prokura generali lilha moghtija minn ommha, fdata lilha b'intenzjoni zgur ta' amministrazzjoni tal-flus tal-bank. Issa prokura generali isimha maghha - taghti lir-ricevitur taghha, il-fdat, poteri vasti f'dik illi hi amministrazzjoni. Hilda Galea giet moghtija din il-prokura minn ommha biex tamministra l-interessi bankarji taghha – dan tghidu hi stess. Dan ghandu jigi tradott illi l-omm allura anke riedet illi bintha tiehu ghaliha s-somma flus ta' 'l fuq minn erbghin elf Sterlina

(£40,000)?? Dan fatt illi okkorra, m'hemmx dubbju. Hilda Galea tammetti dan. Tghid pero, illi hija dan ghamlitu ghax ommha riedet thallilha kollox, pero qabel mewtha biex ma jinqalax inkwiet wara.

Hutha da parti taghhom, jghidu illi ommhom tant hadet il-fatt ta' tehid ta' flus bi kbir, illi nehhiet lil Hilda Galea minn prokuratrici taghha. Fil-fatt, l-omm giet anke inabilitata mill-Qorti fuq rikors ta' Carmelo Degabriele. Hawn l-omm tidher illi kienet ferm imhawda wara li harget mill-Isptar. Jirrizulta wkoll, illi qabel pero, kull min kellu kuntatt maghha, bhall-avukati u n-nutara jghidu le, l-omm kienet koerenti u taf sew x'kienet qed taghmel. Jirrizulta wkoll illi sa dan l-istadju, hija kienet anke kapaci li tghaddi lil bintha l-ishma li tatha bhala donazzjoni. Skont in-Nutar, dan l-omm ghamlitu tas-servigi rezi. Mela dan ifissser illi f'xi zmien, l-omm, issa anke jekk taht influwenzi li pero ma jirrizultawx, riedet illi bintha tigi prerferuta. Tghid Hilda Galea, illi fil-fatt hi biss kienet ghal xi zmien tmur tara lil ommha, u kienet unikament hi tiehu hsiebha.  Gia' inghad illi ghal xi raguni s-subien gew mizmuma milli jaraw lil ommhom. Fatt indikattiv hawn huwa li donnha kif l-omm saret taf li l-bint kienet hadet flusha, nehhiet il-prokura - dan jghidu l-kwerelant. Bhala fatt, ghal xi raguni nehhiet lil bintha minn prokuratrici, jew ahjar giet inabilitata mill-Qorti. Hawn gie mahtur amministratur Carmelo Degabriele.

Ir-rizultat kien li Hilda Galea u l-omm spiccaw ma jitkellmux. Hilda Galea anke skont huha, lanqas biss riedet taghti lil hutha c-cwievet tal-fond tal-omm. Jghidu wkoll l-ahwa subien, illi darba li nqalghet mill-istampa Hilda Galea, lanqas kellhom biex ihallsu l-ispejjez tal-omm, kellhom ibieghu xi ghamara.

Tistaqsi l-Qorti, s’hawn riedet tasal din il-povra mara anzjana li spiccat xejn ghajr zugraga bejn uliedha?

Tistaqsi wkoll, la l-omm kienet kapaci taghti l-ishma b’donazzjoni, x’zammha milli taghmel hekk ukoll bi flusha?

Ghalkemm kien hemm hjiel ta’ fatt li l-omm l-anzjana marret il-bank u kellmu lill-manager tal-bank, dan qatt ma rrizulta, cioe’ li l-omm tat struzzjonijiet li l-flus jghaddu ghand bintha! Allura l-unika prova li fil-fatt hemm hi l-kelma tal-imputata li kienet hekk awtorizzata.

Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Enrico Petroni”, deciza nhar id-9 ta’ Gunju, 1998, il-Qorti qalet li dan ir-reat jirrizulta meta jirrizultaw dawn l-elementi:

Li persuna tircievi flus jew oggett iehor minghand haddiehor;

Dan ir-reciviment isir bl-obbligu, kundizzjoni li dawk il-flus jew il-haga l-ohra jinghataw lura, jew isir uzu specifikat minnhom kif indikat mid-datur;

Pero minflok isir dan, ir-ricevitur idawwar dawk il-flus jew l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor (ara sentenza tas-17 ta’ Gunju, 1998, Qorti Appell Kriminali, Il-Pulizija vs Alfred Grima et, App Nru 56/1997).

Antolisei dwar dan ir-reat jghid:

Mela certament, bla dubbju, jinhtieg il-profitt – bla dubbju dan sar.

Daqstant iehor jinhtieg illi jkun hemm il-ksur tal-fiducja lid-datur investa fir-ricevitur. Bla dubbju, l-omm kienet tafda lil bintha ghax tatha l-prokura bankarja, pero din il-prokura bankarja jidher u qalet l-istess Galea, illi kienet biex jithallsu l-kontijiet u spejjez tal-omm u anke l-home. Allura, tistaqsi l-Qorti, dawn l-ispejjez u l-home nkluza, li zgur ma kinitx b’xejn, biex kienu ser jithallsu jekk l-omm verament tat lil bintha dawk il-flus? La l-omm riedet taghti donazzjoni lil bintha ghaliex m’ghamlitx dan?

Terga’ tistaqsi, kif ghamlet bl-ishma, mhux halliet l-uzu tal-prokura, uzu li frankament jiddetta suspett mhux zghir!!

Jidher car illi l-omm kienet ferm raggirata minn uliedha – illum hbieb mal-imputata, ghada mal-ahwa subien.

Jiddetta wkoll suspett il-fatt illi kull meta l-omm ghamlet azzjoni civili - prokura, transfer ta' ishma, testmenti sigrieti, dejjem "*lurking in the background*" insibu lill-imputata, aktarx akkumpanjata minn zewgha.

Il-parte civile xehed ukoll illi ra lil ohtu l-imputata ggorr xi oggetti, kaxex mid-dar tal-omm, ghalkemm dan bhala fatt mhux reat fih innifsu. Ikompli jindika u juri li Galea kellha access ferm liberu ghall-proprjeta' ta' ommha, access tista' tghid biss f'idejha u bla kontroll ta' hadd.

Kuntrarjament il-kwerelent kellu l-amministrazzjoni tal-beni ta' ommu b'digriet u kontroll tal-Qorti.

Dawn huma verament id-dubbji kbar u serji li ghandha l-Qorti dwar it-trasferiment tas-somma in kwistjoni. Il-fatti jqieghdu lill-imputata f'dawl kemmxejn suspettuz - dan bla dubbju.

Pero tista' din il-Qorti verament teskludi li l-anzjana, anke jekk influwenzata, riedet li bintha Hilda Galea tigi hekk preferuta, stante li kienet minnha biss tara ghajnuna. Huwa dan possibbli?

Ir-rapprezentanti tal-bank xehdu li t-trasferiment tas-somma daqstant konsiderevoli kienet tehtieg xi tip ta’ verifika, ghalkemm x’kienet din il-verifika bqajna ma nafux.

Certament, il-lanjanza in ezami hija wahda ta’ indoli civili - jidher illi tali proceduri gew istitwiti.

Pero l-Qorti ma tistax bis-serhan tal-mohh teskludi l-possibbilita’ li d-decejus riedet it-trasferiment. Konsegwentement, anke bit-thaddin tal-principju ‘*in dubbio pro reo*’, qieghda tillibera lil Hilda Galea mill-akkuza migjuba kontra taghha taht l-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------